MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 2/1995/1

**Victor Bonavia**

**Vs**

**Vincent sive Censu Gauci**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Victor Bonavia fejn jesponi bir-rispett:-
Illi huwa jikri lill-intimat l-ghalqa maghrufa Ta' Ciampra, limiti Rabat, verso l-qbiela ta' Lm8.00 fis-sena, pagabbli fil-15 t'Awissu ta' kull sena, l-iskadenza prossima taghlaq fil-15 ta' Awissu 1995.

Illi almenu matul dawn l-ahhar sentejn, l-istess intimat naqas li jzomm fi stat tajjeb u li jsewwi il-hitan tar-raba' lilu mqabbel u ukoll bi traskuragni ikkaguna hsara fl-istess raba'.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dana l-Bord joghgbu jawtorizzah jirriprendi il-pussess tar-raba' fuq

imsemmi mill-poter tal-intimat u ghal dan l-iskop joghgbu jipprefiggi lill-istess intimat terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament.

Ra r-risposta ta’ Vincent sive Censu Gauci fejn jesponi bir-rispett:-
Illi l-allegazjonijiet kontenuti fir-rikors huma inveritieri u foloz.

Illi l-esponent minn dejjem zamm l-ghalqa fi stat tajjeb, ighix minnha, u jiehu medja ta’ zewg nenti fis-sena.

Illi li skop tar-rikorrent huwa li jbieh u jinnegozja l-ghalqa, kif fil-fatt ipprova jaghmel u kif jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-vertenza.

Sema’ x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li gew mahtura periti teknici l-AIC Fredrich Valentino u l-PL Anthony Mifsud.

Ra li l-imsemmija perit ghandu access fl-4 ta’ Novembru 1997 fis-2.35 pm li ghalihom kienu prezenti l-partijiet u Dottor V. Reganesi. Ra r-rapport tal-periti imsemmija.

Ikkonsidra:

1. B’sentenza tat-23 ta’ Novembru 2001 ic-Chairman tal-Bord (Magistrat Dr J. Apap
Bologna) cahad eccezzjoni ulterjuri ta’ l-intimat dwar allegata nullita’ tar-rikors.

2. Il-kawzali li fuqha saret it-talba ghat-tkeccija mir-raba’ hija
“Illi almenu matul dawn l-ahhar sentejn, l-istess intimat naqas li jzomm fi stat tajjeb u li jsewwi l-hitan tar-raba’ lilu mqabbel u ukoll bi traskuragni ikkaguna
hsara fl-istess raba’.

3. Ir-rikorrent xtara r-raba' b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri tal-24 ta' April 1991 meta kienet diga mqabbla lill-intimat. L-ilmenti principali huma:
(i) "li l-art kemm ilha ghandu (l-intimat) dawn l-ahhar snin marret ghal aghar hafna. Il-hitan ma hax hsiebhom kif ukoll parti mill-ghalqa waddab it-trab fuqha halli jkun jista' jdahhal it-trakk u l-karozza tieghu fuqha. Ukoll il-kamra li hemm fiha din l-art qatt ma ha hsiebha, qatt ma ghamillha ebda manteniment u qeghda fi stat hazin hafna. Hemm il-hitan imwaqghin u hemm mal-bir imdawwar b'hafna haxix b'mod li anqas jidher kwazi, jista' jmur xi tifel jidhol hemmhekk u anqas jarah il-bir. Il-bir lanqas huwa mghotti." (fol 9)
(ii) In kontroezami jghid li qabel ma xtara l-art raha darba, il-hitan kienu mwaqqghin u jistghu jissuktaw jaqghu ghax zdingati. Jidhol fid-detal dwar il-hitan. Fejn il-bir gieli kien hemm tank kif gieli il-bir "kien miftuh bil-harza tieghu" (fol 11)

4. Il-perit Richard Aquilina fuq inkarigu tar-rikorrent kien zar l-art u ra xi hsarat "minn gol-bieb ta' l-ghalqa, jigifieri li gewwa ma dhalniex" (fol 243). Ghamel rapport fid-<u>19 ta' Jannar 1995</u> – madwar xahar qabel li gie pprezentat ir-rikors – li halef fis-seduta tad-29 ta' Novembru 1996, Ipprezenta ukoll pjanta. Stqarr li parti mill-hajt tas-sejjieh hi imwaqqa 'kif jidher minn ritratti esebiti mir-rikorrent kif ukoll li bieb ta' karma li kien hemm fl-ghalqa kien fi stat hazin, travu kien imsaddad hafna u xi gebel tal-koxox kienu minghajr tajn. (fol 245)

5. Kien gie pprezentat rapport mahluf mill-Perit Rene' Buttigieg li jsemmi hitan li thallew jiggarfu, magemb il-kamra il-hamrija tghattiet bi trab u infetah hajt biex forsi tiddahhal karozza, il-kamra tidher traskurata u hemm haxix hazin, haxix fejn il-bir. Jaghlaq.
"Fl-opinjoni tieghi din l-ghalqa qed tkun ikkurata biss fil-parti li tinhadem, ghax tirrendi, waqt li xi partijiet ohra minnha qed jithallew fi stat traskurat." (Rapport a fol 25 bid-data tat-2 ta' Dicembru 1994)

6. L-intimat ressaq bhala xhieda lil martu Rosina Gauci, Joseph Mifsud, Lawrence Gauci (huh) u xehed hu

ukoll. Il-linja ta’ difiza ta’ l-intimat hija li r-rikorrent jinnegozja u jrid ir-raba biex jispekula. Dwar dawn gew prezentati bosta dokumenti. Ir-rikorrent ma jistax jinega din il-hidma tieghu fil-hajja u fuq hekk il-Bord jidhirlu li m’ghandux jghid izjed.

7. Fir-relazzjoni taghhom il-periti teknici tal-Bord waslu ghal dawn il-konkluzzjonijiet (fol 264)
“Ir-raba’ kollu kien mahdum sew izda kien ghad fih biss ftit tewm. Kien hemm ukoll bajtra xiha fl-ghalqa t’isfel … bix-xita qawwija li ghamlet kien hemm sinjali li ftit mill-hamrija mill-ghalqa l-kbira ta’ fuq tkaxkret minn fuq hajt baxx ghal fuq l-ghalqa t’isfel … il-hajt divizorju kien strih izda l-wicc tal-gebel tal-hajt ma kienx unit u l-laqx tal-gebel kien mitfugh fuqu … ma gemb il-kamra li tintuza biex jinhazen it-tiben kien hemm spazju biex jigi pparkjat it-trakk jew vettura ohra. Ir-raba’ kollu huwa mizmum fi stat tajjeb skond il-mestier u ma kienx hemm elementi ta’ traskuragni” (fol 264)

8. Mir-rapport tal-periti teknici dak li qed jghid ir-rikorrent ma jirrizultax. Irrizulta li r-raba’ qed tinzam fi stat tajjeb u ma hemm l-ebda traskuragni. M’hemmx ghalfejn jinghad li l-hsara trid tkun kbira. Element li jinbidel minn kaz ghal iehor. Il-bidwi ghadu jzomm ir-raba’ bhala “bonus pater families”. Hu marbut bil-ligi in generali kif inhu ukoll marbut bil-ligi specjali li thares il-jeddijiet tieghu u biex il-ftit raba’ li baqa f’dawn il-gzejjer tigi mharsa u tassew tintuza mill-bniedem mghejjun mill-holqien u minn ghadda li jgieb mieghu z-zmien. Huwa minnu li xi spazju zghir qed jintuza biex tinzam vettura. Dan ma jfissirx li r-raba’ mhux fi stat tajjeb. Lanqas ifisser li r-raba hu traskurat u hekk garrab hsara. Kwistjonijiet dwar il-kamra li tinsab fl-ghalqa m’humiex ta’ importanza. Lanqas hu importanti li xi darba deher xi haxix hazin.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------